# Il-Politika ta' Trasparenza tal-Grupp tal-BEI

Bank Ewropew tal-Investiment

il-bank tal-UE

# Il-Politika ta' Trasparenza tal-Grupp tal-BEI

Bank Ewropew tal-Investiment

*il-bank tal-UE*

**Il-Politika ta’ Trasparenza tal-Grupp tal-BEI**

© Il-Bank Ewropew tal-Investiment, 2022.
Kull dritt riżervat.
Kwalunkwe mistoqsija dwar drittijiet u liċenzjar għandha tiġi indirizzata lil publications@eib.org

Għal aktar informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-BEI, jekk jogħġbok ikkonsulta s-sit web tagħna, www.eib.org.
Tista’ wkoll tikkuntattja l-Infodesk tagħna, info@eib.org.

Ippubblikat mill-Bank Ewropew tal-Investiment.

Il-Bank Ewropew tal-Investiment
98 -100, boulevard Konrad Adenauer
L-2950 Luxembourg
+352 4379-1
info@eib.org
www.eib.org
twitter.com/eib
facebook.com/europeaninvestmentbank
youtube.com/eibtheeubank

# Werrej


1. Sfond u skop ..... 2

2. Prinċipji ta’ gwida ..... 3

Aċċess miftuħ ..... 3

L-iżgurar tal-fiduċja u l-ħarsien ta' informazzjoni sensittiva ..... 3

Rieda li jisma' u li jinvolvi ruħu ..... 3

3. Qafas istituzzjonali ..... 4

4. Il-pubblikazzjoni ta’ informazzjoni ..... 5

Il-prinċipji għall-pubblikazzjoni ta' informazzjoni ..... 5

Informazzjoni dwar Proġetti ..... 6

Informazzjoni Finanzjarja ..... 7

5. Żvelar ta’ informazzjoni ..... 9

Prinċipji għall-Iżvelar ..... 9

Eċċezzjonijiet ..... 9

Proċeduri għall-Indirizzar ta’ Talbiet għall-Informazzjoni ..... 11

6. Dispożizzjonijiet għal ilmenti u appelli ..... 13

Il-Mekkaniżmu tal-Ilmenti ..... 13

L-Ombudsman Ewropew ..... 13

Il-Kumitat ta’ Konformità tal-Konvenzjoni ta’ Aarhus ..... 13

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ..... 13

7. L-involviment tal-partijiet ikkonċernati u konsultazzjoni pubblika ..... 14

Il-prinċipji għall-involviment tal-partijiet ikkonċernati ..... 14

L-involviment tal-partijiet ikkonċernati fil-proġetti ..... 14

Konsultazzjoni pubblika ..... 15

8. Nippromwovu t-trasparenza ..... 16

Task Force dwar Divulgazzjonijiet Finanzjarji relatati mal-Klima (TCFD) ..... 16

Inizjattiva għal Trasparenza fl-Industriji tal-Estrazzjoni ..... 16

Inizjattiva Internazzjonali għat-Trasparenza tal-Għajnuna ..... 17

9. Responsabbiltajiet ..... 18

# 1. Sfond u skop

1.1 Il-bank tal-Unjoni Ewropea (UE) jagħraf ir-responsabbiltà speċjali tiegħu li jkun miftuħ u trasparenti għaċ-ċittadini tal-UE u l-pubbliku inġenerali. It-trasparenza tagħti kontribut favur il-kwalità u s-sostenibbiltà tal-proġetti li niffinanzjaw u tgħin fil-bini tal-fiduċja fil-bank tal-UE. Għal dan il-għan, il-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) adotta din il-Politika ta' Trasparenza, li tistabbilixxi l-approċċ tal-Grupp BEI lejn it-trasparenza u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati u hija konformi mar-rekwiżiti tat-trasparenza tal-UE u l-aħjar prassi internazzjonali.

1.2 Il-Grupp tal-BEI jikkonsisti fil-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI). Il-Prinċipji ta' Gwida ta' din il-Politika, stabbiliti fit-Taqsima 2, japplikaw għall-Grupp tal-BEI kollu, filwaqt li l-partijiet sussegwenti japplikaw għall-BEI biss. Il-FEI se jistabbilixxi l-qafas ta' implimentazzjoni tiegħu stess, li se jikkunsidra l-kuntest speċifiku kummerċjali u ta' governanza tal-FEI.[1]

1.3 Meta japplika din il-Politika, il-Grupp tal-BEI jqis il-Politiki l-oħra tal-Grupp tal-BEI u regoli bħall-Politika Kontra l-Frodi, il-Politika ta' Denunzja tal-Irregolaritajiet, il-Politika tal-Mekkaniżmu tal-Ilmenti, u l-Kodiċijiet ta' Kondotta rilevanti applikabbli għall-persunal u l-korpi governattivi. Din il-Politika ma tegħlibx dawn il-politiki u regoli iżda għandha tinqara flimkien magħhom billi dawn issaħħu lil xulxin b'mod reċiproku. F'każ ta' konflitt bejn regoli speċifiċi ta' trasparenza u żvelar f'politiki oħra tal-Grupp tal-BEI u din il-Politika ta' Trasparenza, id-dispożizzjonijiet ta' din tal-aħħar għandhom ikunu supremi.

1.4 Din il-Politika ġiet approvata mill-Bord tad-Diretturi tal-BEI fis-17 ta' Novembru 2021, b'mod konformi mal-Artikolu 18 tar-Regoli ta' Proċedura tal-BEI u wara proċess ta' konsultazzjoni pubblika. Din il-Politika hija disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea fuq is-sit web tal-BEI. Se tapplika mid-data msemmija hawn fuq mingħajr preġudizzju għall-proċessi li jaqgħu fl-ambitu ta' din il-Politika li għadhom għaddejjin fid-data tal-adozzjoni.

[1] Għaldaqstant, dokument separat ta' politika kif ukoll regoli speċifiċi dwar l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni/dokumenti tal-FEI huma fformulati u ppubblikati separatament mill-FEI. Għalhekk, talbiet għal informazzjoni/dokumenti fir-rigward ta' attivitajiet tal-FEI huma pproċessati mill-FEI skont din il-politika.

# 2. Prinċipji ta’ gwida

## AĊĊESS MIFTUĦ

2.1 Din il-Politika hija ggwidata mill-prinċipju ta’ aċċess miftuħ u l-ogħla livell possibbli ta’ trasparenza. L-informazzjoni dwar l-attivitajiet operattivi u istituzzjonali tal-Grupp tal-BEI għandha titpoġġa għad-dispożizzjoni ta’ terzi (il-pubbliku) fin-nuqqas ta’ eċċezzjoni definita ("preżunzjoni ta' żvelar", ara taqsima 5 ta' din il-Politika u t-taqsima dwar l-iżvelar tal-Politika ta' Trasparenza tal-FEI), abbażi tal-prinċipju ta' nuqqas ta' diskriminazzjoni u trattament ugwali u skont il-leġiżlazzjoni tal-UE.

2.2 L-istituzzjonijiet membri tal-Grupp tal-BEI jikkunsidraw, minħabba n-natura doppja tagħhom bħala istituzzjonijiet finanzjarji u pubbliċi, li l-kredibbiltà tagħhom u r-responsabbiltà lejn il-pubbliku jissaħħu meta jkunu trasparenti dwar kif jieħdu d-deċiżjonijiet, kif jaħdmu u kif jimplimentaw il-politiki tal-UE. It-trasparenza tikkontribwixxi wkoll għal żieda fl-effiċjenza, l-effettività u s-sostenibbiltà tal-attivitajiet tal-Grupp tal-BEI, fejn issaħħaħ l-approċċ tiegħu ta' tolleranza żero lejn il-frodi u l-korruzzjoni, tiżgura l-konformità mal-istandards ambjentali u soċjali marbuta ma' proġetti ffinanzjati, u tippromwovi r-responsabbiltà u l-governanza tajba.

2.3 Il-Grupp tal-BEI jifhem it-trasparenza bħala li tirreferi għal ambjent fejn l-objettivi tal-politiki, il-qafas legali, istituzzjonali u ekonomiku tiegħu, id-deċiżjonijiet ta’ politika u r-raġunament warajhom, u t-termini tar-responsabbiltà tal-istituzzjonijiet membri tiegħu, jiġu pprovduti lill-pubbliku b’mod li jinftiehem, aċċessibbli u fil-ħin. It-trasparenza għaldaqstant hija kundizzjoni essenzjali għal skambju liberu u miftuħ mal-partijiet ikkonċernati fejn ir-regoli u r-raġunijiet dwar il-politiki u l-prattiki jkunu ġusti u ċari għall-partijiet kollha.

2.4 Barra minn hekk, billi jipprovdi informazzjoni lil dawk li jieħdu deċiżjonijiet ekonomiċi, il-Bank jgħin ukoll biex jittejbu l-istabbiltà u l-effiċjenza tas-swieq u jippromwovi konformità ma’ standards rikonoxxuti internazzjonalment.

## L-IŻGURAR TAL-FIDUĊJA U L-ĦARSIEN TA' INFORMAZZJONI SENSITTIVA

2.5 Bħala istituzzjonijiet finanzjarji, il-membri tal-Grupp tal-BEI jridu jżommu l-kunfidenza u l-fiduċja tal-klijenti, il-kofinanzjaturi u l-investituri tagħhom u partijiet terzi rilevanti oħrajn. Għaldaqstant huwa neċessarju sabiex ma jkunx hemm tħassib dwar it-trattament ta’ informazzjoni kunfidenzjali li, inkella, tista’ taffettwa r-rieda ta’ dawk l-imsieħba biex jaħdmu mal-Bank u b’hekk iżżomm il-Bank milli jwettaq il-missjoni u l-objettivi tiegħu. Din il-Politika tiżgura li l-informazzjoni hija protetta minn żvelar meta l-iżvelar jippreġudika d-drittijiet u l-interessi leġittimi ta' partijiet terzi u/jew tal-Grupp skont l-eċċezzjonijet definiti fil-Politika.

## RIEDA LI JISMA' U LI JINVOLVI RUĦU

2.6 Il-Grupp tal-BEI huwa impenjat li jħeġġeġ b'mod attiv kontribut mill-partijiet ikkonċernati għall-politiki u l-prassi tiegħu. Permezz tal-impenn tiegħu lejn komunikazzjoni miftuħa, il-Grupp juri r-rieda tiegħu li jisma’ lil terzi sabiex jibbenefika mill-kontributi tagħhom lejn il-ħidma tiegħu biex iwettaq il-missjoni tiegħu.

2.7 Il-Grupp tal-BEI huwa miftuħ ukoll għal djalogu kostruttiv u kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati kollha fuq il-bażi ta’ fiduċja u benefiċċji reċiproċi.

2.8 Il-Grupp tal-BEI hu impenjat li jirrispetta d-drittijiet tal-bniedem fl-attivitajiet kollha tiegħu. Fi ħdan il-qafas ta’ din il-Politika, il-Grupp tal-BEI ma jittollerax ir-ritaljazzjoni, fi kwalunkwe għamla, kontra individwi jew organizzazzjonijiet talli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom taħt din il-Politika.

# 3. Qafas istituzzjonali

3.1 Il-BEI huwa korp tal-Unjoni Ewropea. Il-BEI huwa bank immexxi mill-politika li l-missjoni tiegħu hi li jressaq ’il quddiem l-objettivi tal-Unjoni Ewropea billi jipprovdi finanzjament fit-tul għal investiment sod. L-Istatut tiegħu, li jifforma parti integrali mit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u għandu l-istess valur legali, jiddefinixxi l-irwol, l-ambitu tal-attivitajiet u l-istruttura ta’ governanza tal-BEI. L-Istatut jistabbilixxi wkoll lill-Istati Membri tal-UE bħala l-azzjonisti tal-BEI li jinnominaw il-Membri għall-korpi ta’ tmexxija prinċipali tal-BEI: il-Bord tal-Gvernaturi, il-Bord tad-Diretturi, il-Kumitat ta' Tmexxija u l-Kumitat tal-Verifika.

3.2 Il-BEI jiżgura li l-attivitajiet tiegħu jirrispettaw il-politiki u l-liġijiet tal-UE jew, fejn dawn ma jkunux applikabbli, juża l-politiki u l-liġijiet tal-UE bħala l-aħjar referenza. Fl-operat tiegħu ta’ kuljum, il-BEI jqis l-istandards u l-prattiki applikati mill-komunità bankarja u finanzjarja, b’mod partikolari f’oqsma mhux koperti direttament mil-liġi tal-UE.

3.3 It-titjib fit-trasparenza tal-istituzzjonijiet u l-korpi tagħha huwa politika ewlenija tal-Unjoni Ewropea, bil-għan li tqarribhom aktar lejn in-nies li huma jaqdu, waqt li fl-istess ħin tenfasizza r-rilevanza tagħhom biex jikkontribwixxu għall-koeżjoni soċjali u ekonomika tal-Unjoni Ewropea u l-iżvilupp sostenibbli u l-promozzjoni tal-objettivi tal-kooperazzjoni esterna tal-Unjoni.

3.4 Din il-Politika hija konsistenti mal-obbligi legali tal-BEI fir-rigward tal-prinċipju ta' aċċess miftuħ u d-dritt għall-aċċess pubbliku għall-informazzjoni/dokumenti. L-Artikoli 3.5-3.7 jistabbilixxu, b'mod mhux tekniku, il-mod kif il-BEI jifhem ir-relazzjoni bejn il-Politika u l-obbligi legali tiegħu.

3.5 Il-prinċipju ta' aċċess miftuħ huwa stabbilit fl-Artikolu 1 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), li jiddikjara li t-Trattat huwa pass ġdid lejn il-ħolqien ta' għaqda dejjem iżjed mill-qrib fost il-popli tal-Ewropa, li fiha d-deċiżjonijiet jittieħdu kemm jista' jkun qrib iċ-ċittadin. L-aċċess miftuħ jikkontribwixxi wkoll għat-tisħiħ tal-prinċipji ta’ demokrazija u rispett tad-drittijiet fundamentali, b’mod konformi mal-Artikolu 6 tat-TUE. L-Artikolu 15(1) tat-TFUE jeħtieġ li l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji, u l-aġenziji tal-Unjoni, inkluż il-BEI, imexxu l-ħidma tagħhom bil-mod l-aktar miftuħ possibbli sabiex tiġi promossa tmexxija tajba u tiġi assigurata l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili.

3.6 L-Artikolu 15(3) tat-TFUE jistabbilixxi d-dritt għall-aċċess pubbliku għad-dokumenti. Dan huwa dritt fundamentali, rikonoxxut mill-Artikolu 42 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Il-prinċipji ġenerali u l-limiti li jirregolaw dan id-dritt huma ddeterminati mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea permezz ta' leġiżlazzjoni. Il-leġiżlazzjoni li hija fis-seħħ bħalissa hija r-Regolament (KE) Nru 1049/2001.[2]

3.7 It-TFUE jiddikjara li l-Artikolu 15(3) japplika għall-BEI biss meta jeżerċita l-kompiti amministrattivi tiegħu. Il-BEI jifhem li l-intenzjoni ta' din id-dispożizzjoni hija li l-BEI nnifsu għandu jiddetermina, b'mod li huwa konsistenti mal-prinċipju ta' aċċess miftuħ, tmexxija tajba u parteċipazzjoni, kif il-prinċipji ġenerali u l-limiti li jirregolaw id-dritt għall-aċċess pubbliku għandu japplika b'relazzjoni mal-funzjonijiet speċifiċi tiegħu bħala bank. Il-BEI jagħmel dan permezz tal-Politika u b'mod speċifiku permezz tal-applikazzjonijiet tal-eċċezzjonijiet għall-aċċess stabbiliti fit-Taqsima 5 hawn taħt.

[2] Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU 2001 L145, p. 43.

# 4. Il-pubblikazzjoni ta’ informazzjoni

## Il-prinċipji għall-pubblikazzjoni ta' informazzjoni

4.1 Sabiex jappoġġja u jippromwovi l-prinċipju tat-trasparenza, il-BEI huwa impenjat bis-sħiħ li jippubblika regolarment informazzjoni preċiża u fil-ħin dwar l-irwol, il-politiki u l-attivitajiet operattivi tiegħu.

Il-BEI jippubblika regolarment sett wiesa' ta' informazzjoni/dokumenti li jinkludi:

- Informazzjoni istituzzjonali
- Politiki u strateġiji
- Informazzjoni relatata ma' proġetti
- Informazzjoni dwar akkwisti u avviżi ta' offerti għall-BEI stess
- Obbligu ta' rendikont, ġestjoni tar-riskju u informazzjoni relatata mal-governanza
- Rapporti ta’ evalwazzjoni
- Informazzjoni relatata mal-ambjent, is-sostenibbiltà u l-klima.

B’mod partikolari, il-BEI jippubblika l-aġendi u l-minuti tal-laqgħat tal-Bord tad-Diretturi mill-aktar fis possibbli wara li jiġu finalizzati.

Barra dan, il-BEI jippubblika l-kalendarji tal-laqgħat regolari tal-Bord tad-Diretturi, il-Kumitat ta’ Tmexxija u l-Kumitat tal-Verifika, mill-aktar fis possibbli wara li jiġu finalizzati.

Fuq is-sit web tal-BEI hemm ippubblikata lista mhux eżawrjenti b'links għal dokumenti u informazzjoni ewlenija tal-BEI. Il-lista hija aġġornata u żviluppata regolarment.

4.2 L-għodda ewlenija għat-tqassim ta' din l-informazzjoni hija s-sit web tal-BEI (www.eib.org). Il-BEI jipprova wkoll iqassam informazzjoni lill-pubblika b'mezzi oħra bħal pubblikazzjonijiet stampati u dokumenti informattivi, il-media soċjali, stqarrijiet għall-istampa, konferenzi u seminars.

4.3 Bi qbil mar-Regolament ta' Aarhus, l-informazzjoni ambjentali miżmuma mill-BEI hija magħmula disponibbli permezz tar-Reġistru Pubbliku tal-BEI ta' dokumenti li l-BEI ħoloq fuq is-sit web tiegħu.[3]

Ir-Reġistru Pubbliku b’mod partikolari jinkludi dokumenti ambjentali u soċjali relatati ma’ proġetti ewlenin miżmuma mill-BEI, għaldaqstant jinforma lill-pubbliku dwar l-aspetti ambjentali u soċjali ta’ proġetti individwali fl-istadji tal-valutazzjoni u t-tlestija, kif applikabbli.

Barra dan, ir-Reġistru Pubbliku jinkludi dokumenti, rapporti u linji gwida dwar politiki ambjentali tal-BEI.

Il-BEI qed jiżviluppa dan ir-reġistru biex jiżgura li l-informazzjoni ambjentali tkun disponibbli gradwalment u titqassam lill-pubbliku.[4]

4.4 Sabiex jippromwovi l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni, il-BEI huwa impenjat lejn sistema ta’ lingwi li tqis il-bżonnijiet tal-pubbliku. Id-dokumenti statutorji tal-BEI huma disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE. Dokumenti ewlenin oħrajn li huma ta’ importanza partikolari għall-pubbliku, bħal din il-Politika nfisha, huma ppubblikati wkoll bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, waqt li oħrajn huma disponibbli biss bl-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż. It-traduzzjoni f'lingwi oħra tista' tiġi kkunsidrata skont it-tip ta' informazzjoni/dokument u l-interess pubbliku.

4.5 Fil-limiti imposti bil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli, u mingħajr preġudizzju għat-Taqsima 5 ta’ din il-Politika, id-deċiżjoni finali dwar liema informazzjoni/dokumenti jistgħu jiġu rilaxxati lill-pubbliku għandha tkun f’idejn il-BEI. Il-BEI għandu jiddeċiedi wkoll liema informazzjoni/dokumenti għandu jippubblika f’forma elettronika u/jew stampata. Kwalunkwe informazzjoni/dokumenti oħrajn fil-prinċipju huma disponibbli fuq talba skont it-Taqsima 5 hawn taħt.

---

[3] https://www.eib.org/en/registers/all/index.htm

[4] Il-paġna “Mistoqsijiet Komuni” (FAQ) tar-Reġistru Pubbliku tal-BEI fiha informazzjoni addizzjonali dwar il-kontenut tar-Reġistru, inkluża lista aġġornata regolarment tat-tipi ta’ dokumenti ppubblikati fir-Reġistru.

## INFORMAZZJONI DWAR PROĠETTI

4.6 Sommarju dwar proġett ġeneralment jiġi ppubblikat fuq il-Lista tal-Proġetti fuq is-sit web tal-BEI meta l-BEI formalment jitlob l-opinjonijiet tal-Istat Membru jew il-pajjiż ospitanti tal-proġett u l-Kummissjoni Ewropea, kif meħtieġ skont l-Artikolu 19 tal-Istatut tal-BEI. Dan huwa meqjus bħala l-punt l-aktar adatt għall-ewwel dikjarazzjoni pubblika meta l-BEI jkun laħaq stadju avvanzat biżżejjed fid-diskussjonijiet ma' promotur ta' proġett biex jibda l-evalwazzjoni tal-proġett qabel ma proposta għal self tiġi ppreżentata lill-Bord tad-Diretturi.

4.7 Il-BEI għandu jippubblika sommarji tal-proġetti għall-proġetti ta' investiment kollha tal-anqas tliet ġimgħat qabel ma l-proġett jiġi kkunsidrat għall-approvazzjoni mill-Bord tad-Diretturi tal-BEI.[5] Numru limitat ta' sommarji ta' proġetti jistgħu ma jiġux ippubblikati qabel l-approvazzjoni tal-Bord u, f'xi każijiet, mhux qabel il-firma tas-self sabiex jiġu mħarsa interessati ġustifikati fuq bażi tal-eċċezzjonijiet għall-iżvelar stabbiliti fit-Taqsima 5 ta' din il-Politika. Il-BEI ma jistax jippubblika informazzjoni relatata ma' proġetti jekk il-pubblikazzjoni ta' tali informazzjoni speċifika tikser liġi tal-Unjoni Ewropea bħar-Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq.

4.8 Is-sommarji tal-proġetti ġeneralment jinkludu l-isem tal-proġett, il-promotur tal-proġett jew l-intermedjarju finanzjarju (għal self intermedjat), il-lokalità tal-proġett, is-settur li jirrappreżenta, deskrizzjoni tal-proġett, l-objettiv(i) tiegħu, l-aspetti ambjentali u, jekk rilevanti, soċjali tiegħu, id-*data* dwar l-akkwist, il-finanzjament propost tal-BEI, l-ispiża totali tal-proġett, u l-istatus tal-proġett, fejn jiġi nnotat jekk huwiex "taħt evalwazzjoni", "approvat", jew "iffirmat". Is-sommarji tal-proġetti jinfurmaw lill-pubbliku dwar kif jissottomettu mistoqsijiet, kummenti u lmenti. Fejn applikabbli, jiġu pprovduti links għal informazzjoni ambjentali, mill-aktar fis possibbli fiċ-ċiklu ta' proġett.[6]

4.9 Informazzjoni dwar kwalunkwe finanzjament intermedjat tal-BEI tiġi ppubblikata fuq il-Lista tal-Proġetti fuq is-sit web tal-BEI. Barra dan, u sakemm ikun possibbli, il-BEI jirrilaxxa, fuq talba, *data* aggregata dwar finanzjament ta' self intermedjat, inkluż tqassim skont il-pajjiż u s-settur.

4.10 Il-BEI jippubblika fuq is-sit web tiegħu sommarji tal-proġetti tas-sottoproġetti[7] li jiffinanzja permezz ta' intermedjarji finanzjarji bi spiża tal-proġett totali ta' aktar minn EUR 50m,[8] skont l-Artikoli 4.7 u 4.8 kif applikabbli.

4.11 Jekk applikabbli, is-sommarji tal-proġetti jinkludu links għal dokumenti ambjentali u soċjali fir-Reġistru Pubbliku tal-BEI, skedi tad-*data* dwar il-proġetti, stqarrijiet għall-istampa, proġetti relatati, u/jew informazzjoni/dokumenti rilevanti oħra ppubblikati fuq is-sit web tal-BEI.

4.12 Għall-proġetti approvati kollha mill-bidu tal-2021, il-BEI jippubblika Dikjarazzjoni tal-Addizzjonalità u l-Impatt (AIS) fuq is-sit web tiegħu. Id-dikjarazzjoni tiddeskrivi kif il-BEI jwassal l-addizzjonalità u l-impatt permezz tal-proġetti li jinvesti fihom, u tiġi ppubblikata wara l-iffirmar. Id-dettalji dwar il-qafas ta' Kejl tal-Addizzjonalità u l-Impatt (AIM) jistgħu jinstabu fuq is-sit web tal-BEI. [9]

4.13 Wara l-iffirmar, is-sommarji tal-proġetti huma aċċessibbli permezz ta' links fl-iskedi tad-*data* dwar il-proġetti ppubblikati fuq il-lista tal-proġetti ffinanzjati fuq is-sit web tal-BEI. L-iskedi tad-*data* dwar il-proġetti ġeneralment jinkludu l-isem tal-proġett, il-lokalità tal-proġett, is-settur li jirrappreżenta u l-ammonti ta' self bid-dati tal-iffirmar korrispondenti tagħhom.

4.14 L-informazzjoni dwar il-proġetti titneħħa mis-sit web tal-BEI ladarba l-involviment tal-BEI fil-proġett ma jkunx għadu previst.

---

[5] Fil-prattika, il-BEI jipprova jippubblika sommarji tal-proġetti anke aktar qabel. Informazzjoni dwar iż-żmien eżatt tal-pubblikazzjoni tas-sommarji tal-proġetti hija pprovduta fir-rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Politika (ara l-Artikolu 9.4).
[6] L-informazzjoni fis-sommarji tal-proġetti hija indikattiva u, jekk rilevanti, il-BEI jista' jikkunsidra li jaġġornaha matul iċ-ċiklu ta' proġett.
[7] Il-proġetti kollha li jibbenefikaw mis-sostenn tal-BEI permezz ta' finanzjament intermedjat huma meqjusa bħala sottoproġetti.
[8] Meta jitqies li l-BEI tipikament jiffinanzja biss sa 50 % tal-ispejjeż tal-proġetti, is-self relatat tal-BEI normalment ikun EUR 25m jew aktar.
[9] https://www.eib.org/en/projects/cycle/monitoring/aim.htm

## INFORMAZZJONI FINANZJARJA

4.15 Il-BEI jippubblika rendikonti finanzjarji vverifikati fuq bażi annwali li huma inklużi fir-Rapport Annwali tal-BEI, kif ukoll sommarju tal-karta tal-bilanċ u l-kont tal-profitt u telf mhux ivverifikati kull sitt xhur. Il-BEI japplika l-Istandards Internazzjonali għar-Rappurtaġġ Finanzjarju (IFRS) fuq livell ikkonsolidat (grupp), b'noti estiżi għar-Rendikont tal-Karta tal-Bilanċ u tal-Kont tal-Profitt u tat-Telf kif ukoll ir-Rapport tal-Awdituri Indipendenti u Rapport tal-Kumitat tal-Verifika. Dan huwa element fundamentali tat-trasparenza u huwa rikonoxxut bħala espressjoni tal-aħjar prattika tat-tmexxija korporattiva fil-livell ta' grupp. Bl-istess objettiv, id-Direttivi Ewropej rilevanti[10] huma applikati għal rendikonti finanzjarji mhux ikkonsolidati tal-BEI.

4.16 Il-Grupp tal-BEI jippubblika annwalment Rapport dwar l-Iżvelar tal-Ġestjoni tar-Riskju, magħruf ukoll bħala ir-"rapport tat-Tielet Pilastru" skont id-definizzjoni tal-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja. Ir-Rapport huwa mfassal biex jipprovdi aktar informazzjoni dwar l-approċċ li l-Grupp jieħu fl-immaniġġjar tar-riskji ewlenin li huwa espost għalihom u biex jevalwa l-adegwatezza kapitali, l-influwenza u l-likwidità tiegħu. Minbarra li jsegwi l-iżvelar stabbilit fir-Regolamenti dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital tal-UE, ir-Rapport dwar l-Iżvelar tal-Ġestjoni tar-Riskju jqis il-linji gwida u l-opinjonijiet tal-Awtorità Bankarja Ewropea, kif ukoll id-Dokumenti dwar l-Istandards mill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja dwar ir-rekwiżiti tal-iżvelar. L-iżvelar tat-Tielet Pilastru għandu rwol ewlieni fil-promozzjoni ta' dixxiplina fis-suq permezz ta' rappurtar pubbliku ta' informazzjoni prudenzjali utli. Id-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' qafas komuni tat-Tielet Pilastru bi żvelar prudenzjali granulari u paragunabbli hija pass ewlieni lejn it-tnaqqis tal-assimetrija ta' informazzjoni ma' utenti ta' informazzjoni prudenzjali.

4.17 Informazzjoni dettaljata dwar it-teħid ta' self tiffoka fuq prodotti finanzjarji, operazzjonijiet ta' finanzjament li jkunu jinsabu għaddejjin u titoli dovuti. Aktar informazzjoni hija pprovduta dwar swieq ta' bonds, tabelli ta' ħruġ u links għal ċirkulari ta' offerti u programmi ta' ħruġ ta' djun.

4.18 Informazzjoni dwar l-approċċ tal-BEI għal attivitajiet ta' teħid ta' self hija spjegata fis-sit web tal-BEI, filwaqt li l-volum mistenni ta' finanzjament jitħabbar lis-suq bi stqarrija għall-istampa u indikata fil-Pjan tal-Operat (OP) ta' tliet snin li jiġi aġġornat kull sena.

4.19 Il-BEI huwa meħtieġ isegwi l-liġi fis-swieq fejn huma offruti t-titoli tiegħu. Rekwiżit komuni fil-ġurisdizzjonijiet fejn jopera l-BEI huwa n-nuqqas ta' diskriminazzjoni fl-iżvelar ta' informazzjoni finanzjarja li jista' jipprovdi lil xi ħadd b'vantaġġ kompetittiv inġust fin-negozjar. B'mod ġenerali, il-BEI jipprova jiżgura li informazzjoni fuq affarijiet bħal dawn tinħareġ simultanjament permezz ta' mezzi regolatorji approvati xierqa kif ukoll fuq is-sit web tiegħu. Informazzjoni regolari dwar attivitajiet ta' teħid ta' self hija wkoll ipprovduta minn intermedjarji finanzjarji.

4.20 Il-mezzi ewlenin ta' komunikazzjoni dwar operazzjonijiet ta' teħid ta' self u informazzjoni oħra ta' rilevanza għall-udjenzi ta' swieq kapitali jinkludu:

- Dokumenti regolatorji li jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-pubbliku;
- Is-sit web tal-BEI;
- Servizzi ewlenin ta' aħbarijiet finanzjarji, b'mod partikolari Bloomberg u Reuters;
- Tixrid ta' aħbarijiet permezz ta' Servizz ta' Informazzjoni Regolatorja;
- Is-sit sekondarju tar-Relazzjonijiet mal-Investituri tas-sit web tal-BEI jiffoka fuq l-attivitajiet ta' teħid ta' self tal-BEI, u jipprovdi wkoll materjal dwar l-istorja tal-kreditu tal-BEI, inklużi links għal rapporti tal-klassifikazzjoni. Dawn il-paġni tas-sit web jipprovdu profil tal-BEI bħala emittent, u informazzjoni relatata ma' aspetti ewlenin tal-operazzjonijiet tiegħu ta' teħid ta' self, inklużi tabelli ta' ħruġ u links għal ċirkulari ta' offerti u programmi ta' ħruġ ta' djun;
- Ir-Rapport Annwali tal-Grupp tal-BEI jinkludi informazzjoni estensiva dwar attivitajiet ta' għoti u teħid ta' self, kif ukoll rendikonti finanzjarji. Dan jinkludi r-Rapport Finanzjarju, li jipprovdi ħarsa ġenerali annwali tal-attivitajiet ta' teħid ta' self, tat-teżor, tal-kollateral u tal-ġestjoni tal-likwidità. Fost id-dokumenti tar-Rapport

[10] Direttiva tal-UE 86/635/KEE ta' 08.12.1986 emendata bid-Direttivi tal-UE 2001/65/KE ta' 27.9.2001 u 2003/51/KE ta' 18.06.2003.

Annwali hemm is-suppliment tal-istatistika, li jinkludi lista ta’ operazzjonijiet ta’ bonds imwettqa fis-swieq kapitali;

- Dokumenti ta’ preżentazzjonijiet u skedi ta' fatti;
- Newsletters perjodiċi għall-investituri dwar attivitajiet ta’ finanzjament, bonds għal sensibilizzazzjoni dwar il-klima u s-sostenibbiltà u kwalunkwe żvilupp rilevanti fis-suq;
- Stqarrijiet għall-istampa dwar attivitajiet ta’ teħid ta' self, li jitqiesu li huma partikolarment rilevanti jew li jirrispondu għal rekwiżiti ta’ żvelar;
- Materjali oħrajn ta’ informazzjoni speċjalizzata dwar l-attivitajiet tal-BEI fis-swieq kapitali; u
- Il-kuntatti diretti tal-BEI ma’ taqsimiet oħrajn tal-komunità ta’ investiment f’laqgħat (inklużi wirjiet itineranti, telekonferenzi u konferenzi).

4.21 Dokumentazzjoni (Ċirkulari ta’ Offerti, Prospetti u/jew Programmi) għal ħruġ ta’ bonds pubbliċi hija disponibbli fuq talba.

4.22 Mistoqsijiet dwar l-attivitajiet tal-BEI fis-swieq kapitali għandhom jiġu indirizzati lid-Diviżjoni tar-Relazzjonijiet mal-Investituri (investor.relations@eib.org).

# 5. Żvelar ta' informazzjoni

## PRINĊIPJI GĦALL-IŻVELAR

5.1 Preżunzjoni ta' żvelar:

a. L-informazzjoni u d-dokumenti kollha miżmuma mill-BEI[11] huma soġġetti għal żvelar fuq talba, ħlief jekk ikun hemm raġuni kostriġġenti għan-nuqqas ta' żvelar (ara "Eċċezzjonijiet" hawn taħt).

b. Din il-Politika tapplika mingħajr preġudizzju għad-dritt għall-aċċess pubbliku għal informazzjoni/dokumenti miżmuma mill-BEI f'konformità ma':

i. Il-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja f'Materji Ambjentali magħmula f'Aarhus, id-Danimarka, fil-25 ta' Ġunju 1998, kif implimentata mir-Regolament (KE) Nru 1367/2006; il-BEI għandu jagħti attenzjoni partikolari għat-talbiet kollha għall-iżvelar ta' informazzjoni/dokumenti, speċjalment dawk li jikkonċernaw informazzjoni ambjentali;

jew

ii. Strumenti oħrajn tal-liġi internazzjonali u tal-UE, jew atti ta' istituzzjonijiet tal-UE li jimplimentawhom, li huma applikabbli għall-BEI.

5.2 Nuqqas ta' diskriminazzjoni u trattament ugwali: Kull membru tal-pubbliku għandu dritt jitlob u jirċievi informazzjoni/dokumenti fil-ħin mill-BEI mingħajr ma jġarrab ebda ritaljazzjoni. Meta jikkunsidra talba għall-informazzjoni/dokumenti, il-BEI la jiddiskrimina u lanqas ma jagħti aċċess speċjali privileġġat għall-informazzjoni/dokumenti.

## EĊĊEZZJONIJIET

5.3 Filwaqt li l-BEI jinsab impenjat lejn politika ta' preżunzjoni ta' żvelar u trasparenza, għandu wkoll id-dmir li jirrispetta l-kunfidenzjalità b'mod konformi mal-liġijiet tal-UE, inkluż l-obbligu li ma jiżvelax informazzjoni ta' kwalunkwe tip koperta mill-obbligu ta' segretezza professjonali skont l-Artikolu 339 TFUE, kif ukoll leġiżlazzjoni biex tipproteġi d-*data* personali. Regolamenti nazzjonali u standards tas-settur bankarju li jkopru kuntratti ta' negozju u attività tas-suq jistgħu japplikaw ukoll. B'hekk hemm ċerti limiti fuq l-iżvelar ta' informazzjoni/dokumenti.

Bl-applikazzjoni tal-eċċezzjonijiet għall-iżvelar, il-BEI, bi qbil mal-Artikolu 3.8 t'hawn fuq, għandu jirrispetta l-irwol u l-attivitajiet speċifiċi tiegħu, u l-ħtieġa biex iħares l-interessi leġittimi tiegħu u l-interessi leġittimi tal-klijenti tiegħu, u għaldaqstant il-kunfidenzjalità tar-relazzjoni bejn il-BEI u l-klijenti tiegħu u kontropartijiet rilevanti oħra. B'mod partikolari, taħt din il-Politika, il-BEI ma jistax jiżvela informazzjoni bi ksur ta' liġi tal-Unjoni Ewropea bħar-Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq.

5.4 B'mod partikolari, l-aċċess jista' jiġi miċħud meta l-iżvelar jippreġudika l-protezzjoni ta':

a. l-interess pubbliku, fir-rigward ta':

- is-sikurezza pubblika;
- ir-relazzjonijiet internazzjonali;
- il-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika tal-Unjoni Ewropea, tal-istituzzjonijiet u l-korpi tagħha, jew ta' Stat Membru;
- l-ambjent, bħal siti ta' tnissil ta' speċji rari.

b. il-privatezza u l-integrità, is-sigurtà u s-sikurezza tal-individwu, b'mod partikolari b'mod konformi mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data* personali.

[11] Jiġifieri, informazzjoni/dokumenti mfassla mill-BEI jew riċevuti minnu u fil-pussess tiegħu, fl-oqsma kollha tal-attività tal-BEI.

5.5 L-aċċess għall-informazzjoni/dokumenti jiġi miċħud ukoll meta l-iżvelar jippreġudika l-protezzjoni ta' interessi kummerċjali ta' persuna fiżika jew ġuridika.

L-eżempji mhux eżawrenti li ġejjin juru każijiet komuni ta' interessi kummerċjali:

- Informazzjoni/dokumenti kummerċjali, finanzjarji, proprjetarji jew mhux pubbliċi oħra maħluqa jew riċevuti mill-BEI;
- Informazzjoni/dokumenti relatati ma' negozjati, dokumentazzjoni legali u korrispondenza relatata;
- Informazzjoni/dokumenti koperti minn ftehim ta' kunfidenzjalità[12] jew ku b'rabta magħhom terza persuna jkollha aspettattivi leġittimi li mhux se jiġu żvelati.

5.6 L-aċċess għall-informazzjoni/dokumenti jista' jiġi miċħud ukoll meta l-iżvelar jippreġudika l-protezzjoni ta':

- proprjetà intellettwali;
- proċeduri quddiem qrati u pariri legali;
- l-iskop ta' spezzjonijiet, investigazzjonijiet u awditi.[13]

L-iżvelar ta' informazzjoni/dokumenti relatat ma' spezzjonijiet, investigazzjonijiet u verifiki għandu jiġi preżunt li jippreġudika l-ħarsien tal-iskop tal-ispezzjonijiet, l-investigazzjonijiet u l-verifiki.

It-talbiet għal żvelar ta' informazzjoni/dokumenti relatati ma' investigazzjonijiet finalizzati jiġu evalwati fid-dawl taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha ta' kull każ.

Mingħajr preġudizzju għal dan ta' hawn fuq jew kwalunkwe dispożizzjoni ta' din il-Politika, il-BEI jista' jipprovdi sommarju tas-sejbiet tal-investigazzjonijiet.

Kwalunkwe żvelar magħmul taħt is-subparagrafi preċedenti għandu jiġi evalwat fid-dawl taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha ta' kull każ, b'mod partikolari meta jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' din il-Politika jew ta' politiki oħra tal-BEI, il-ħtieġa li tiġi protetta l-effettività u l-iskop ta' investigazzjonijiet li għadhom għaddejjin u dawk futuri mill-BEI u partijiet oħra.

5.7 L-aċċess għall-informazzjoni/dokumenti, imfassla mill-BEI għal użu intern jew riċevuti mill-BEI, li huwa relatat ma' kwistjoni fejn ma tteħdietx deċiżjoni mill-korp rilevanti tal-BEI, jiġi miċħud jekk l-iżvelar tad-dokument/informazzjoni jippreġudika serjament il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-BEI.

L-aċċess għall-informazzjoni/dokumenti li fihom opinjonijiet għal użu intern bħala parti minn deliberazzjonijiet jew konsultazzjonijiet preliminari fi ħdan il-BEI jew mal-Istati Membri/partijiet ikkonċernati oħra, jiġi miċħud anke wara li tkun ittieħdet id-deċiżjoni jekk l-iżvelar tal-informazzjoni/dokument jippreġudika serjament il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-BEI.

5.8 L-eċċezzjonijiet taħt l-Artikoli 5.5 u 5.7 japplikaw sakemm ma jkunx hemm interess pubbliku suprem fl-iżvelar. Fir-rigward tal-Artikolu 5.5 u tal-ewwel u t-tielet inċiżi fl-Artikolu 5.6 bl-eċċezzjoni ta' investigazzjonijiet, interess pubbliku suprem fl-iżvelar jitqies li jeżisti meta l-informazzjoni mitluba tkun relatata ma' emissjonijiet fl-ambjent.

5.9 Ir-raġunijiet għal rifjut, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għal informazzjoni/dokumenti ambjentali għandhom jiġu interpretati b'mod restrittiv, waqt li jitqies l-interess pubbliku moqdi mill-iżvelar u jekk l-informazzjoni mitluba hijiex relatata ma' emissjonijiet fl-ambjent.

[12] It-terminu "interess kummerċjali" jkopri, iżda mhux limitat għal, każijiet fejn il-BEI kkonkluda ftehim ta' kunfidenzjalità. Barra dan, l-interessi kummerċjali jistgħu jiġu mħarsa anke wara l-iskadenza tal-ftehim ta' kunfidenzjalità. Ir-rilevanza tal-ftehimiet ta' kunfidenzjalità hija rikonoxxuta, pereżempju, fil-Premessa 15 tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006, li tgħid li *[i]t-terminu "interessi kummerċjali" jkopri ftehim ta' konfidenzjalità konklużi minn istituzzjonijiet jew korpi li jaġixxu f'kapaċità bankarja.*

[13] It-tielet inċiż tal-Artikolu 5.6 japplika għal spezzjonijiet, investigazzjonijiet u awditi inklużi diliġenza dovuta ta' konformità mwettqa minn jew f'isem, is-servizzi rilevanti tal-BEI, b'mod partikolari il-funzjonijiet ta' investigazzjonijiet, awditu u konformità, kif ukoll partijiet terzi oħra (bħall-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (EPPO) jew awtoritajiet nazzjonali). It-tielet u r-raba' subparagrafi ma japplikawx għall-attività ta' funzjonijiet ta' awditu u konformità; għall-iskopijiet ta' dawn is-subparagrafi, l-investigazzjonijiet huma meqjusa finalizzati meta dawn jingħalqu mingħajr segwitu jew monitoraġġ jew is-segwitu jew il-monitoraġġ ikun tlesta.

5.10 Jekk ċerti partijiet biss tad-dokument huma koperti minn xi waħda mill-eċċezzjonijiet, il-kumplament tal-partijiet tad-dokument jiġu żvelati.

5.11 Fir-rigward ta' informazzjoni/dokumenti ta' terzi,[14] il-BEI għandu jikkonsulta mal-parti/jiet terza(i) bil-għan li jevalwa jekk xi eċċezzjonijiet ta' żvelar humiex applikabbli, sakemm ma jkunx ċar li l-informazzjoni/dokument għandu jew m'għandux jiġi żvelat.

5.12 Stat Membru jew istituzzjoni, korp jew aġenzija tal-UE jista' jitlob lill-BEI biex ma jiżvelax informazzjoni/dokumenti li joriġinaw mingħandhom mingħajr il-qbil tagħhom minn qabel, fejn jispjegaw ir-raġunijiet għall-oġġezzjoni tagħhom b'referenza għall-eċċezzjonijiet imsemmija fit-Taqsima 5 ta' din il-Politika.

5.13 Il-BEI kultant jikkoopera mill-qrib ma' IFIs u istituzzjonijiet għall-finanzjament għall-iżvilupp bilaterali Ewropej oħrajn u wessa' u approfondixxa din il-kooperazzjoni speċjalment permezz ta' delega parzjali jew sħiħa ta' valutazzjoni u monitoraġġ tal-proġetti. Id-dokumenti relatati ma' tali proġetti komuni mħejjija minn IFI u/jew istituzzjoni Ewropea bilaterali jistgħu jiġu żvelati mill-partijiet l-oħrajn infushom jew mill-BEI bil-qbil minn qabel tal-IFI jew l-istituzzjoni Ewropea bilaterali rilevanti l-oħra.

5.14 Il-BEI jiżvela ċerta informazzjoni aggregata dwar l-attività ta' investituri. Informazzjoni kunfidenzjali, bi qbil mal-eċċezzjonijiet stabbiliti f'din il-Politika, relatata ma' investituri individwali jew banek, ma tiġix żvelata. Il-BEI madankollu jipprova jħeġġeġ it-trasparenza fir-rigward tal-ħruġ tiegħu ta' titoli kull fejn dan ikun possibbli.

5.15 L-eċċezzjonijiet japplikaw biss għall-perjodu li matulu l-protezzjoni tkun iġġustifikata fuq il-bażi tal-kontenut tad-dokument. L-eċċezzjonijiet jistgħu japplikaw għal perjodu massimu ta' 30 sena. Wara 30 sena, dokument ikun soġġett għal rieżami għall-arkivjar pubbliku. Fil-każ tad-dokumenti li jaqgħu taħt l-eċċezzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-*data* personali jew interessi kummerċjali ta' persuna fiżika jew ġuridika inkluża l-proprjetà intellettwali, l-eċċezzjonijiet jistgħu, jekk ikun meħtieġ, ikomplu japplikaw wara dan il-perjodu. B'mod ġenerali, l-informazzjoni għandha tinżamm mill-BEI biss sakemm jintlaħaq it-tmiem tar-rekwiżiti taż-żamma.

## Proċeduri għall-Indirizzar ta' Talbiet għall-Informazzjoni

Il-proċeduri tal-BEI għall-indirizzar ta' talbiet għall-informazzjoni mill-pubbliku huma skont kif ġej:

5.16 L-applikazzjonijiet għall-aċċess għandhom jiġu indirizzati preferibbilment lill-uffiċċju tal-informazzjoni tal-BEI (infodesk@eib.org). Jistgħu jintbagħtu wkoll lil kwalunkwe mill-indirizzi tal-BEI, inklużi l-Uffiċċji Esterni tiegħu.

5.17 L-applikant mhuwiex obbligat jagħti raġunijiet għall-applikazzjoni.

5.18 L-applikazzjonijiet għall-aċċess għandhom isiru bil-miktub għal raġunijiet ta' rekordjar, immaniġġjar u rrappurtar skont id-dispożizzjonijiet ta' din il-Politika. Il-persunal tal-BEI jibqa' disponibbli biex iwieġeb informalment għal talbiet verbali.

5.19 Jekk applikazzjoni ma tkunx preċiża biżżejjed jew jekk ma tippermettix l-identifikazzjoni tad-dokument, jew l-informazzjoni, l-applikant jiġi mistoqsi biex jiċċara l-applikazzjoni.

5.20 Jekk l-informazzjoni/dokumenti mitluba jkunu diġà ġew rilaxxati mill-BEI jew il-kontropartijiet tiegħu fid-dominju pubbliku, il-BEI jista' jwettaq l-obbligu tiegħu li jagħti aċċess billi jinforma lill-applikant kif jikseb l-informazzjoni/dokumenti.[15]

[14] Dan jinkludi informazzjoni/dokumenti mħallta mill-partijiet terzi u l-BEI.
[15] Pereżempju, il-BEI jista' jipprovdi iperlink għall-paġna web li tospita l-informazzjoni/dokumenti.

5.21 Fil-każ ta' applikazzjoni relatata ma' dokument twil ħafna jew ma' għadd kbir ħafna ta' dokumenti, jew meta l-informazzjoni ma tkunx disponibbli fil-pront jew tkun kumplessa biex tiġi kkumpilata, il-BEI jista' jiddiskuti informalment mal-applikant, bil-għan li tinstab soluzzjoni ġusta.

5.22 It-talbiet jingħataw risposta mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 15-il jum tax-xogħol wara r-riċeviment.

5.23 F'każijiet eċċezzjonali, pereżempju fil-każ ta' applikazzjoni relatata ma' dokument twil ħafna jew meta l-informazzjoni ma tkunx disponibbli fil-pront u tkun kumplessa biex tiġi kkumpilata, il-limitu ta' żmien jista' jiġi estiż u l-korrispondent jiġi infurmat dwar dan sa mhux aktar tard minn 15-il jum tax-xogħol wara li tkun riċevuta.[16]

5.24 Il-BEI għandu, madankollu, jipprova jagħti risposta għal tali rikjesti kumplessi sa mhux aktar tard minn 30 jum tax-xogħol wara li tkun riċevuta.

5.25 Jekk, għal raġunijiet biex jiġu salvagwardati l-interessi protetti minn din il-Politika, il-BEI ma jkunx jista' jiżvela l-informazzjoni mitluba, bis-sħiħ jew parzjalment, ir-raġuni(jiet) għaliex tali informazzjoni ma tistax tiġi pprovduta għandhom jiġu ddikjarati u l-applikant jiġi infurmat bid-dritt li jagħmel applikazzjoni konfermatorja volontarja jew li jippreżenta lment.

5.26 L-informazzjoni għandha tingħata f'verżjoni u format eżistenti, jew, jekk ikun fattibbli, f'format skont il-ħtiġijiet speċifiċi ta' min jagħmel it-talba.

5.27 Il-membri tal-pubbliku li jiktbu lill-BEI f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea għandhom id-dritt li jirċievu risposta fl-istess lingwa.

5.28 L-applikant jista' jiġi mitlub iħallas biss l-ispejjeż tal-produzzjoni u l-bgħit tal-kopji. It-tariffa ma tistax taqbeż l-ispejjeż reali tal-produzzjoni u l-bgħit tal-kopji.

5.29 L-ipproċessar tar-rikjesti għandu jsir f'konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali kif stipulat fil-liġi tal-UE.[17]

5.30 Il-BEI jirriżerva l-possibbiltà li jirrifjuta li jwieġeb applikazzjoni li hija eċċessiva jew ripetittiva. L-istess japplika għal applikazzjonijiet li huma b'mod ċar frivoli, malizzjużi jew kummerċjali fin-natura tagħhom.

5.31 Fil-każ ta' rifjut totali jew parzjali wara l-applikazzjoni inizjali, l-applikant jista', fi żmien 15-il jum tax-xogħol wara li jirċievi r-risposta tal-BEI, jagħmel applikazzjoni konfermatorja fejn jitlob lill-BEI biex jerġa' jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu. Inkella, l-applikant jista' jressaq ilment quddiem il-Mekkaniżmu tal-Ilmenti fi żmien sena mir-risposta tal-BEI.

5.32 L-applikazzjoni konfermatorja volontarja tiġi pproċessata mis-Segretarju Ġenerali tal-BEI skont id-dispożizzjonijiet preċedenti (ara l-Artikoli 5.23- 5.25).

5.33 Fil-każ ta' rifjut totali jew parzjali wara applikazzjoni konfermatorja, il-BEI jinforma lill-applikant bir-rimedji disponibbli għalih, primarjament billi jressaq ilment lill-Mekkaniżmu tal-Ilmenti jew billi jiftaħ proċeduri tal-qorti kontra l-BEI quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

5.34 In-nuqqas tal-BEI illi jwieġeb rikjesta fil-limitu taż-żmien preskritt jiġi meqjus bħala risposta negattiva u jintitola lill-applikant biex iressaq ilment lill-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-BEI jew li jiftaħ proċeduri ġudizzjarji kontra l-BEI quddiem il-Qorti.

[16] Perjodu ta' żmien itwal u aktar raġonevoli jista' jkun meħtieġ pereżempju: (i) meta t-talba jew l-informazzjoni/dokumenti mitluba jkunu f'lingwi oħrajn li mhumiex il-lingwi ta' ħidma tal-BEI (l-Ingliż u l-Franċiż); (ii) biex titlesta l-konsultazzjoni ma' partijiet terzi; (iii) meta t-talba tikkonċerna volum kbir ta' informazzjoni/dokumenti jew informazzjoni/dokumenti storiċi. Il-BEI jinforma lill-applikant dwar id-dewmien u r-raġunijiet għal dan.

[17] Ara, b'mod partikolari, ir-Regolament (UE) 2018/1725.

# 6. Dispożizzjonijiet għal ilmenti u appelli

Din it-Taqsima tistabbilixxi lista eżawrenti ta’ rimedji disponibbli relatati ma’ din il-Politika.

### IL-MEKKANIŻMU TAL-ILMENTI

6.1 Id-dispożizzjonijiet għall-ilmenti huma ddeterminati mill-Politika dwar il-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-Grupp tal-BEI,[18] li tagħraf id-dritt tal-membri tal-pubbliku biex iressqu lment fir-rigward ta’ allegazzjoni ta’ amministrazzjoni ħażina kontra l-BEI u tipprovdi lill-pubbliku b’għodda li tippermetti soluzzjoni alternattiva u antiċipatorja tat-tilwim.

6.2 Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tallega każ ta’ amministrazzjoni ħażina mill-Grupp tal-BEI, li jinkludi nuqqas ta' twettiq skont il-Politika ta' Trasparenza tiegħu, tista' tressaq ilment lill-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-Grupp tal-BEI fi żmien sena mid-data meta l-fatti li fuqhom tkun ibbażata l-allegazzjoni setgħu jkunu magħrufa raġonevolment mill-ilmentatur.

6.3 B'mod konformi ma’ din il-Politika, il-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-Grupp tal-BEI ma jistax jindirizza lmenti li diġà tressqu quddiem mekkaniżmi ta' rieżami amministrattiv jew stħarriġ ġudizzjarju oħrajn jew li diġà ġew solvuti minn dawn tal-aħħar.

### L-OMBUDSMAN EWROPEW

6.4 Fil-każ ta' nuqqas ta' sodisfazzjon bir-riżultat ta' lment imressaq quddiem il-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-BEI, iċ-ċittadini tal-UE jew kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li toqgħod jew għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha fi Stat Membru tal-UE tista', skont l-Artikolu 228 TFUE u minkejja tħassib dirett fl-amministrazzjoni ħażina allegata, tressaq ilment quddiem l-Ombudsman Ewropew. Wara l-Memorandum ta' Qbil iffirmat mill-BEI u l-Ombudsman Ewropew, dan tal-aħħar jimpenja ruħu li b'mod sistematiku juża l-poter tal-inizjattiva tiegħu stess sabiex jindirizza l-ilmenti mressqa kontra l-BEI fejn l-unika raġuni li timpedixxi inkjesta tkun il-fatt li l-ilmentatur mhuwiex ċittadin tal-Unjoni Ewropea jew persuna fiżika jew ġuridika li toqgħod jew li għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

### IL-KUMITAT TA’ KONFORMITÀ TAL-KONVENZJONI TA’ AARHUS

6.5 Kwalunkwe membru tal-pubbliku għandu d-dritt li jissottometti komunikazzjonijiet lill-Kumitat ta' Konformità tal-Konvenzjoni ta' Aarhus kontra l-Unjoni Ewropea dwar allegat nuqqas ta' konformità mal-Konvenzjoni.[19]

### IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

6.6 Id-deċiżjoni tal-BEI dwar l-applikazzjoni konfermatorja tkun soġġetta wkoll għal appell ġudizzjarju quddiem il-Qorti skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 263 u 271. Meta jkunu qed jiddeċiedu jekk iressqux il-BEI quddiem il-Qorti, il-partijiet ikkonċernati għandhom iqisu l-fatt li l-appell ġudizzjarju jista' jipprekludi l-aċċess għal mekkaniżmi alternattivi għar-riżoluzzjoni ta' tilwim bħall-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-BEI u l-Ombudsman Ewropew.

---

[18] https://www.eib.org/en/publications/complaints-mechanism-policy

[19] Għal aktar informazzjoni dwar il-Kumitat għall-Konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus, ara https://unece.org/env/pp/cc.

# 7. L-involviment tal-partijiet ikkonċernati u konsultazzjoni pubblika

## Il-prinċipji għall-involviment tal-partijiet ikkonċernati

7.1 L-objettiv sottostanti tal-prinċipji tal-BEI dwar l-involviment tal-partijiet ikkonċernati huwa biex jiġi żgurat li l-partijiet ikkonċernati jinstemgħu, u li jitqies kif xieraq it-tħassib tagħhom. Il-BEI jinvolvi lill-partijiet ikkonċernati fil-livell ta' politika billi jagħmel konsultazzjonijiet, inklużi konsultazzjonijiet pubbliċi, u billi jorganizza workshops, konferenzi, seminars u laqgħat u avvenimenti oħrajn.

7.2 Il-BEI jippromwovi t-trasparenza bħala mod biex isaħħaħ l-obbligu ta' rendikont tiegħu. Għaldaqstant, aktar milli sempliċement jiżvela informazzjoni standardizzata u joffri sempliċement fluss ta' informazzjoni f'direzzjoni waħda, il-BEI jimmira li jipprovdi lill-partijiet ikkonċernati bl-informazzjoni li jeħtieġu sabiex jagħmlu kontributi pożittivi għat-titjib tal-kwalità tal-attivitajiet tal-BEI. Din it-trasparenza teħtieġ djalogu kontinwu bejn il-BEI u l-partijiet ikkonċernati dwar l-għoti ta' informazzjoni.

7.3 L-involviment tal-partijiet ikkonċernati tal-BEI jsegwi l-aħjar prassi, immirat biex iżid il-fehim reċiproku, jindirizza t-tħassib tal-partijiet ikkonċernati u jaġġusta l-attivitajiet tiegħu kif xieraq, inaqqas id-distakk potenzjali bejn l-aspettattivi, il-politika u l-prassi u jikseb aktar koerenza u akkontabilità fil-politiki u l-prattiki tal-BEI.

7.4 Il-BEI jħares id-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet għall-aċċess għall-informazzjoni, għall-parteċipazzjoni, u għar-rimedju. B'mod konformi ma' dan, il-partijiet ikkonċernati għandhom ikunu jistgħu jinvolvu ruħhom b'mod liberu mal-BEI u l-promoturi tiegħu billi jipprovdu feedback, ilissnu l-oppożizzjoni tagħhom, u jqajmu tħassib. Għaldaqstant, il-BEI ma jittollerax atti ta' intimidazzjoni jew ritaljazzjonijiet b'rabta mal-attivitajiet iffinanzjati mill-BEI, u jieħu azzjonijiet ta' segwitu kif u fejn xieraq.

7.5 Id-dettalji tal-kuntatt tal-persunal tal-BEI li jikkoordina l-involviment tal-BEI mal-partijiet ikkonċernati f'livell istituzzjonali jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-BEI.

## L-involviment tal-partijiet ikkonċernati fil-proġetti

7.6 L-involviment tal-partijiet ikkonċernati fil-livell tal-proġetti, inkluż l-iżvelar tal-informazzjoni, il-konsultazzjoni siewja kif rilevanti u l-aċċess għal rimedju, huwa rregolat mid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi tal-UE u mill-Istandards Ambjentali u Soċjali tal-BEI,[20] li jikkonferma l-impenn tal-BEI għall-prinċipji tiegħu dwar l-involviment tal-partijiet ikkonċernati u jħeġġeġ lill-promoturi tal-proġetti biex isegwu prassi tajba fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-proġetti.

7.7 Ir-responsabbiltà primarja għall-informazzjoni u l-involviment mal-partijiet ikkonċernati lokali fuq bażi ta' proġett qiegħda fi ħdan il-promotur u/jew is-sellief tal-proġett. Il-BEI jappoġġja l-isforzi tagħhom skont l-Istandards Ambjentali u Soċjali tal-BEI.

7.8 Il-BEI jagħti importanza lil djalogu kostruttiv mal-partijiet ikkonċernati rilevanti fil-kuntest tad-diliġenza dovuta tiegħu u jippromwovi l-parteċipazzjoni tagħhom fi proċessi rilevanti tat-teħid ta' deċiżjonijiet. L-involviment tal-partijiet ikkonċernati jista' jikkontribwixxi għal-leġittimità ta' proġett u l-fiduċja, l-għarfien u l-fehim tagħhom ta' kwistjonijiet lokali li jista' jgħin biex itejjeb il-prestazzjoni u jimminimizza r-riskji ta' proġett.

---

[20] Ara l-Istandard Ambjentali u Soċjali tal-BEI Nru 10 dwar l-Involviment tal-partijiet ikkonċernati.

7.9 Jekk jitqies li huwa neċessarju, il-BEI jista’ jiltaqa’, permezz ta’ jew b’kooperazzjoni mal-promotur u/jew is-sellief tal-proġett, mal-partijiet ikkonċernati sabiex ikun jista’ jifhem aħjar it-tħassib tagħhom fir-rigward tal-proġett speċifiku. L-involviment ta' partijiet ikkonċernati nazzjonali jista’ jsir permezz ta’ kanali differenti, inklużi permezz ta’ delegazzjonijiet ta’ istituzzjonijiet imsieħba tal-UE preżenti f’pajjiżi tal-BEI tal-operat. Diskussjonijiet mal-partijiet ikkonċernati nazzjonali normalment ikunu speċifiċi għall-pajjiż u jitqiesu mill-BEI bħala għodda biex jadatta għall-karatteristiċi speċifiċi tal-proġett.

7.10 Il-BEI huwa lest biex jesplora modi potenzjali oħra ta' involviment ma' partijiet ikkonċernati fuq proġetti b'potenzjal ta' riskju ambjentali u soċjali għoli, inklużi d-drittijiet tal-bniedem.

## KONSULTAZZJONI PUBBLIKA

7.11 Il-BEI jinsab impenjat li jkompli jinvolvi ruħu, fuq bażi volontarja, f’konsultazzjoni pubblika formali dwar il-politiki magħżula. Dan il-proċess parteċipatorju jippermetti lil partijiet ikkonċernati esterni u lill-persunal tal-BEI biex jipparteċipaw fit-tħejjija u r-reviżjoni ta’ dokumenti ta’ politika, biex b’hekk jikkontribwixxu għall-kwalità u l-kredibbiltà tagħhom. Il-BEI normalment jorganizza proċess ta' ċiklu wieħed ta' konsultazzjoni pubblika qabel is-sottomissjoni tad-dokument ta' politika rispettiv lill-Bord tad-Diretturi tal-BEI (jew il-Kumitat ta' Tmexxija, skont kif applikabbli). Il-perjodu ta' konsultazzjoni jkun minimu ta' 45 jum tax-xogħol. Il-BEI jista' jiddeċiedi wkoll għat-tieni ċiklu ta' konsultazzjoni pubblika b'perjodu ta' konsultazzjoni minimu ta' 20 jum tax-xogħol u/jew laqgħa/t pubblika (pubbliċi) mal-partijiet interessati matul il-perjodu ta' konsultazzjoni. Wara li titlesta l-konsultazzjoni u tal-anqas 15-il jum tax-xogħol qabel l-approvazzjoni mill-korp amministrattiv korrispondenti, l-abbozz finali tal-politika jiġi ppubblikat fuq is-sit web tal-BEI, flimkien mal-abbozz tar-Rapport tal-Konsultazzjoni, is-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkonċernati u l-kummenti mmotivati tal-BEI dwar il-kontributi tagħhom.

7.12 Il-partijiet ikkonċernati jiġu infurmati dwar konsultazzjonijiet pubbliċi futuri permezz tas-sit web u sa fejn ikun possibbli, permezz ta’ korrispondenza diretta bil-posta elettronika. L-iskeda, kif ukoll id-dettalji tal-kuntatt għal kull konsultazzjoni, huma ppubblikati wkoll fuq is-sit web.

# 8. Nippromwovu t-trasparenza

8.1 It-tmexxija dgħajfa, il-korruzzjoni u n-nuqqas ta' trasparenza huma kwistjonijiet ewlenin f'xi wħud mir-reġjuni fejn jopera l-BEI u jxekklu l-iżvilupp ekonomiku u soċjali. Il-BEI jippromwovi b'mod attiv it-trasparenza u t-tmexxija tajba fil-proġetti li huwa jiffinanzja, fil-kumpaniji li fihom jipparteċipa u ġeneralment mal-kontropartijiet tiegħu.

8.2 Il-BEI jinsab impenjat ukoll bis-sħiħ lejn it-trasparenza fis-swieq kapitali fejn jiġu offruti l-bonds tiegħu.

8.3 Il-promoturi u/jew is-selliefa u l-kofinanzjaturi tal-proġetti jiġu infurmati dwar il-prinċipji ta' din il-Politika fi stadju bikri fid-diskussjonijiet. Il-Bank iħeġġeġ lill-promoturi u/jew lis-selliefa tal-proġetti u l-partijiet kompetenti oħrajn biex l-informazzjoni ambjentali u soċjali dwar il-proġetti ffinanzjati mill-BEI tkun disponibbli għall-pubbliku, biex ikunu miftuħa u trasparenti fir-relazzjoni u l-arranġamenti tagħhom mal-BEI u biex isegwu l-prinċipji ta' trasparenza speċifikati f'din il-Politika fil-kuntest tal-proġetti ffinanzjati. Dan għandu jsir mingħajr preġudizzju għall-interessi leġittimi tal-BEI u partijiet terzi oħrajn, kif ukoll għal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli.

8.4 Il-BEI jżomm kuntatti mill-qrib ma' istituzzjonijiet u korpi tal-UE u internazzjonali oħrajn sabiex jissorvelja u jiskambja opinjonijiet dwar żviluppi ġodda fil-qasam tat-trasparenza u l-iżvelar bil-għan li jtejjeb kontinwament il-politiki u l-prattiki tiegħu stess. Jindirizza wkoll kwistjonijiet ta' trasparenza u żvelar fid-djalogu dejjem għaddej mal-partijiet ikkonċernati kollha.

8.5 Il-BEI jaqsam ukoll informazzjoni/dokumenti dwar l-attivitajiet tiegħu, inkluża informazzjoni dwar proġetti, ma' istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll ma' organizzazzjonijiet sovranazzjonali u istituzzjonijiet pari fi ħdan il-mandati rispettivi tagħhom. Din tista' tinkludi ċerti kategoriji ta' *data* fir-rigward ta' proġetti tal-BEI u finanzjament u, fejn fattibbli, id-*data* tiġi pprovduta f'forma aggregata jew anonimizzata.

8.6 Il-BEI se jkompli jsaħħaħ l-isforzi tiegħu biex itejjeb it-trasparenza, ir-responsabbiltà u l-governanza tiegħu, u biex ikun minn ta' quddiem nett bħala istituzzjoni trasparenti u responsabbli.

## Task Force dwar Divulgazzjonijiet Finanzjarji relatati mal-Klima (TCFD)

8.7 Il-BEI jappoġġja r-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force dwar Divulgazzjonijiet Finanzjarji relatati mal-Klima (TCFD)[21] bil-għan li jikseb żvelar relatat mal-klima u l-ambjent robust u konsistenti internazzjonalment. L-azzjonijiet ġenerali tal-BEI għall-klima għaldaqstant juru l-impenn tiegħu għall-ġestjoni tar-riskju tal-klima, it-trasparenza u r-responsabbiltà, kif rifless ukoll fl-Istrateġija tal-Klima tal-BEI. Il-BEI jagħraf li, jekk adottat b'mod wiesa', il-qafas tat-TCFD għandu jipprovdi pedament biex tittejjeb il-kapaċità li riskji u opportunitajiet relatati mal-klima jiġu indirizzati kif xieraq.

## Inizjattiva għal Trasparenza fl-Industriji tal-Estrazzjoni

8.8 Il-BEI huwa konvint li l-ġlieda kontra l-korruzzjoni permezz tat-titjib fit-trasparenza u r-responsabbiltà fl-industriji tal-estrazzjoni huwa element essenzjali li jirfed l-iżvilupp ekonomiku u t-tnaqqis tal-faqar, u għall-istabbiltà politika f'pajjiżi għonja fir-riżorsi. Wara li approva l-Inizjattiva għal Trasparenza fl-Industriji tal-Estrazzjoni (EITI), il-BEI huwa impenjat li jappoġġja l-ħidma tal-inizjattiva f'pajjiżi għonja fir-riżorsi barra l-Unjoni Ewropea fejn jopera l-BEI, b'mod partikolari billi jaħdem mal-isponsers ta' proġetti sabiex jintroduċi trasparenza u konsistenza akbar fir-rappurtaġġ dwar pagamenti fil-livell ta' proġett. Fl-istess ħin, il-BEI se jkompli jippromwovi l-inizjattiva fil-kuntatti tiegħu ma' gvernijiet u awtoritajiet nazzjonali u jħeġġiġhom biex jadottaw il-prinċipji tal-EITI għar-rappurtaġġ u l-pubblikazzjoni tad-dħul tal-industrija tal-estrazzjoni. Il-BEI se jadatta wkoll il-prattiki tiegħu skont l-iżviluppi leġiżlattivi li jistipulaw ir-rekwiżiti tat-trasparenza applikabbli għal entitajiet fis-settur tal-industrija tal-estrazzjoni.

[21] https://www.fsb-tcfd.org/

## INIZJATTIVA INTERNAZZJONALI GĦAT-TRASPARENZA TAL-GĦAJNUNA

8.9 Abbażi tal-impenn tiegħu biex kontinwament itejjeb l-istandards tat-trasparenza u r-responsabbiltà tiegħu u biex jiżgura li l-ħidma tiegħu fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw tissodisfa l-ogħla standards tat-trasparenza maqbula internazzjonalment, il-BEI jimplimenta l-istandard tar-rappurtaġġ maqbul internazzjonalment tal-Inizjattiva Internazzjonali għat-Trasparenza tal-Għajnuna (IATI) għall-finanzjament tal-għajnuna u l-iżvilupp.

# 9. Responsabbiltajiet

9.1 Waqt li skont ir-Regoli ta' Proċedura tal-BEI, il-Bord tad-Diretturi għandu l-kompetenza li jadotta l-Politika ta’ Trasparenza, is-sorveljanza u l-implimentazzjoni tagħha jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Kumitat ta’ Tmexxija tal-BEI. Ir-responsabbiltajiet huma mqassma fi ħdan l-organizzazzjoni b’mod adattat sabiex jiġi żgurat li l-objettivi tal-politika jiġu riflessi f’miri u attivitajiet f’kull livell tal-organizzazzjoni.

9.2 Hemm riżorsi assenjati għall-implimentazzjoni tal-Politika ta’ Trasparenza fi ħdan l-organizzazzjoni sħiħa. Il-persunal rilevanti f’kull livell tal-organizzazzjoni jingħata taħriġ dwar kif għandhom jiġu indirizzati l-kwistjonijiet ta’ trasparenza u żvelar, id-djalogu mal-partijiet ikkonċernati, u suġġetti relatati oħrajn. Fi ħdan l-organizzazzjoni, għandhom jiġu pprovduti riżorsi esperti, gwida u taħriġ dwar kwistjonijiet ta’ trasparenza.

9.3 Tal-anqas kull ħames snin, il-BEI jikkunsidra l-ħtieġa li jniedi rieżami ta’ din il-Politika, inkluża konsultazzjoni pubblika mal-partijiet ikkonċernati tal-Grupp tal-BEI. Barra dan, jistgħu jsiru emendi xierqa fi kwalunkwe ħin f'każ ta' bidliet fil-qafas leġiżlattiv u tal-politika tal-Unjoni Ewropea dwar it-trasparenza u l-iżvelar tal-informazzjoni, bidliet fil-politiki u l-proċeduri fi ħdan il-BEI li jeħtieġu allinjament ta' din il-Politika, u kwalunkwe bidla oħra li l-BEI jqis bħala meħtieġa u xierqa.

9.4 Il-BEI kull sena se jippubblika rapport għas-sena kalendarja preċedenti dwar l-implimentazzjoni ta’ din il-Politika.[22] Ir-rapport ikopri l-pubblikazzjoni tas-sommarji tal-proġetti, l-iżvilupp progressiv tar-Reġistru Pubbliku tal-BEI, l-immaniġġjar tat-talbiet għall-iżvelar ta’ informazzjoni/dokumenti taħt din il-Politika, ilmenti u appelli relatati ma’ din il-Politika, u attivitajiet sinifikanti oħrajn biex jippromwovu t-trasparenza, jekk hemm.

[22] Il-BEI jippubblika rapport annwali tal-ilmenti sottomessi taħt il-Mekkaniżmu tal-Ilmenti. L-ilmenti sottomessi lill-Ombudsman Ewropew jiġu ppubblikati wkoll fuq is-sit web tal-Ombudsman u fir-Rapport Annwali tiegħu. Id-deliberazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja u tal-Kumitat ta' Konformità tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jiġu ppubblikati wkoll fuq is-siti web tagħhom.

# Il-Politika ta’ Trasparenza tal-Grupp tal-BEI

Bank Ewropew tal-Investiment

*il-bank tal-UE*

**Il-Bank Ewropew tal-Investiment**
98 -100, boulevard Konrad Adenauer
L-2950 Luxembourg
+352 4379-22000
**www.eib.org – info@eib.org**

© Il-Bank Ewropew tal-Investiment, 01/2022 MT